MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 74

It-Tnejn, 11 ta' Settembru, 2017

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sur Horace Anastasi – Kunsillier
Is-Sur Darren Carabott – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊĊJALI PREŻENTI:

Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Sur Michael Debono - Accountant
Sur Raphael Carabott - Contracts Manager
Sur Wilson Mifsud – Kuntrattur, Ġbir tal-iskart – WM Environmentals

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 74.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

74.1.1 Apoloġija mis-Sur Horace Anastasi.
Is-Sur Horace Anastasi skuża ruħu li kien assenti fil-laqgħa tat-Tnejn, 7 ta'Awwissu, 2017. Irrimarka li bi żvista ħa żball fil-ġurnata tal-laqgħa.

## 74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

74.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Numru 72 (tnejn u sebgħin) li saret fis-10 ta' Lulju, 2017 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

## 74.2.2 Korrezzjonijiet

74.2.2.1 Minuta 72.2.2.3 - Titneħħa l-kelma "program" u tiżdied il-kelma "programm"

## 74.2.2 Punti mqajma mill-minuti

74.2.2.1 Minuta 72.2.2.1 – Is-Sindku informa lill-membri li għadna qed nistennew il-*clearance* mid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex il-*Planning Authority* tkun tista' tipproċessa l-approvazzjoni qabel ikun jista' jibda x-xogħol.

74.2.2.2 Minuta 72.2.2.3 – Is-Sindku informa lill-membri li l-programm tal-attivita' tal-Queen's Baton huwa mħejji u li ser jiġi ordnat *memento* biex jiġi ppreżentat lill-organiżżaturi wara l-attivita'.

74.2.2.3 Minuta 72.2.2.4 – Is-Sindku informa lill-membri li l-kas tal-GO ser ikompli jinstema' f'Ottubru, 2017.

74.2.2.4 Minuta 72.2.2.5 – Is-Sindku informa lill-membri li dwar il-proposta biex titranġa Triq il-Qalb Imqaddsa hemm kollox wieqaf peress li hemm xi diffikultajiet mimn naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

74.2.2.5 Minuta 72.2.2.8
Ilment 445 – Talba biex issir Motorcycle Bay fi Triq Qormi, Santa Venera – Il-Contacts Manager irrimarka li hemm bżonn aktar informazzjoni fejn eżatt trid issir din il-Motorcycle Bay.
Ilment 447 – Talba biex issir bozza ġdida fi Triq il-Mastrudaxxi, Santa Venera. Din diġà ġiet approvata u hemm l-applikazzjoni mal-Micamed.
Ilment 460 – Fi Triq il-Kanun kantuniera ma Triq San Ġorġ, it-tabella tan-*No Entry* tibqa fejn hi għax jekk titpoġġa mal-kurduna, il-bankina tidjieq u ma jkunx hemm aċċess għal-*pushchairs* u *wheelchairs.*

74.2.2.6 Minuta 72.4.1 - Is-Sindku informa lill-membri li l-attivita' tal-Fondazzjoni Nanniet Malta iċċaqalqet mit-23 ta' Settembru 2017 għall-14 ta' Ottubru, 2017. Din l-attivita' ser issir bil-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali.

## 74.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

74.3.1 Is-Sindku informa lill-Membri li waslitilna rikjesta mingħand il-Kumitat tal-Festi Esterni. Dawn qed jitolbu li ssir modifikazzjoni fit-Traffic Island faċċata tal-Knisja. Huma jixtiequ li l-ġardinar jaqla' s-siġra biex ikunu jistgħu jużaw dan il-post biex iżanżnu armar. Jixtiequ wkoll li l-arblu tal-Kunsill jiġi ssudat minn isfel biex ikunu jistgħu jużawh. Talbu wkoll sabiex jeħel arblu fi Triq l-Imsida kantuniera ma' Triq Romeo Romano biex ikunu jistgħu iwaħħlu l-pavaljun miegħu. Il-membri kollha qablu ma dawn it-talbiet rikjesti.

Fil-6.50 pm is-Sa Elizabeth Vella ġiet skużata għall-kumplament tal-laqgħa.

74.3.2 Is-Sindku informa lill-Membri li saret talba lill-*Planning Authority,* mis-Sur George Portelli, għal permess, li jġib in-numru PC 19/17, sabiex isir tibdil fiż-żona tal-iżvilupp minn *Residential use* għal *Commercial use*. Iż-żona imsemmija tibda minn Triq Ġużè Flores u twassal sat-Triq tal-Wied tal-Imsida u ser ikun għoli madwar disa' sulari. Ir-residenti tal-inħawi diġà ppreżentaw petizzjoni u l-Kunsill ħass li għandu joġġezzjona wkoll sabiex jingħata appoġġ lir-residenti anke għaliex jekk isir dan l-iżvilupp se jinqered parti mill-wied kif ukoll tinqered Barumbara li hemm.

Il-membri qablu unanimament.

74.3.3 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna komunikazzjoni mill-*Marigold Foundation* sabiex il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera jerga' għal darb'oħra jipparteċipa fil-*Pink October* billi jixgħel l-akwedott bid-dawl roża.

Il-membri qablu unanimament.

74.3.4 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna rikjesta mingħand Blues Ltd fejn qed jistaqsuna jekk aħniex interessati li nagħmlu mappa 3D tal-Lokal. Din tiswa bejn €2000 u €3000. Għaldaqstant, nistgħu nippruvaw nutilizzaw fondi li kienu intalbu lill-Ministeru tat-Turiżmu. Sadanittant, jinġiebu l-qisien.

Il-membri qablu unanimament.

## 74.4 *Rapporti/Korrispondenza*

74.4.1 Is-Sindku informa lill-membri li rċevejna talba mingħand is-Sur Kenneth Scerri, it-Troop Leader tal-Iscouts Group ta' Santa Venera, sabiex jagħmlu Halloween Party fi Ġnien Romeo Romano.

Wara diskussjoni, din it-talba għaddiet b'erba' voti favur, wieħed kontra u astenzjoni waħda.

74.4.2 Is-Sindku fakkar lill-membri fiċ-ċirkolari numru 21/2017 - Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi - illi kienet anke ġiet iċċirkulata lill-membri kollha. F'din iċ-ċirkulari, il-Gvern qed iħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex japplikaw għal fondi fuq xogħol ta' restawr u għaldaqstant is-Sindku ppropona li ssir applikazzjoni biex isir xogħol ta' restawr tal-affreski fil-Knisja l-Qadima ta' Santa Venera.

Il-membri qablu unanimament.

74.4.3 Is-Sindku informa lill membri li rċevejna l-avviż għat-tiġdid tal-assigurazzjoni tal-assi tal-Kunsill. L-Accountant, is-Sur Michael Debono ġie inkarigat biex joħroġ l-aħħar figuri tal-assi tal-Kunsill sabiex tkun tista' titħallas l-assigurazzjoni.

Il-membri qablu unanimament.

74.4.4 Is-Sindku fakkar lill-membri li għal żmien il-Milied ser jiġi organizzat Villaġġ tal-Milied bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet. Ser jintramaw tined u jsir presepju ħaj.

Il-membri qablu unanimament mal-kwotazzjoni tal-gazebos li ġiet ippreżentata..

## 74.5 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

74.5.1 Diskussjoni dwar is-sitwazzjoni preżenti tal-ġbir tal-iskart minn WM Environmentals Limited fil-preżenza tas-Sur Wilson Mifsud u tas-Sur Raphael Carabott bħala Contracts Manager.

Is-Sindku informa lill-membri li fil-preżenza tal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart, is-Sur Wilson Mifsud, kif ukoll fil-preżenza tal-*Contracts Manager*, is-Sur Raphael Carabott, ser tiġi diskussa s-sitwazzjoni preżenti tal-ġbir tal-iskart invista tal-ilmenti li qed jirċievi regolarment, l-Kunsill Lokali.

Is-Sindku informa is-Sur Wilson Mifsud li x-xufiera tal-vettura tal-ġbir tal-iskart qed jiġru wisq, b'konsegwenza li dawk li jiġbru l-iskart ikollhom iwaddbu l-boroż tal-iskart u għaldaqstant xi boroż jaqgħu fit-triq, jinfaqgħu u l-iskart jitħalla warajhom. Qed ikun hemm anke xi familji li minħabba l-għaġġla mhix qed tinġabrilhom il-borza tal-iskart u dan qed ikun ta' inkonvenjent għall-familji.

Is-Sindku nnota wkoll li skont it-termini tal-kuntratt, il-kuntrattur għandu jaħdem b'żewġ trakkijiet, wieħed kbir u ieħor żgħir. It-trakk iż-żgħir ma jidher kważi qatt. Il-kuntrattur ikkonferma li t-trakk iż-żgħir jintuża nhar ta' Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa meta dan suppost li jintuża kuljum. Is-Sindku informa lill-kuntrattur ukoll li peress li mhux qed jintuża t-trakk iż-żgħir, qed ikun hemm anke ħsarat fil-*U-bars* u l-ispakxins fuq il-bankini.

Gie rrimarkat ukoll li kien hemm sitwazzjonijiet fejn it-trakk ikun diġa mimli minn rħula oħra bil-

konsegwenza li jispiċċa ma jlaħħaqx mad-domanda ta skart li jkun hemm f'Santa Venera.

Is-Sindku informa li-Sur Wilson Mifsud li ġaladarba kien qed juża vettura li mhix imniżżla fil-kuntratt, huwa obbligat li javża lill-Kunsill bin-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura u li jagħti kopja tal-*logbook* tal-vettura li qed juża sabiex il-Kunsill ikun jista' jivverifika li l-vettura hija Euro 5.

Wara diskussjoni, is-Sindku widdeb lis-Sur Wilson Mifsud li din is-sitwazzjoni trid titranġa drastikament inkella ser jiġu attwati d-default notices.

74.5.2 Quarterly Financial report – March 2017.

Is-Sindku stieden lill-Accountant is-Sur Michael Debono sabiex jagħti l-ispjegazzjonijiet tiegħu lill-Membri tal-Kunsill.

Is-Sur Debono spjega fid-dettal il-*Quarterly Financial Report – March 2017* lill-Membri tal-Kunsill.

Wara diskussjoni s-Sindku ppropona l-*Quarterly Financial Report – March 2017* filwaqt li s-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku. Il-membri kollha vvutaw favur dan ir-rapport u ma kienx hemm astenzjonijiet jew voti kontra.

74.5.3 Jum l-Anzjani – 1 ta' Ottubru 2017

Is-Sindku inkariga lill-kunsillier, is-Sur Jason Mangani biex jagħti dettalji tal-preparamenti għal Jum l-Anzjani. Is-Sur Jason Mangani qal li ser issir nhar il-Ħadd l-1 ta' Ottubru, 2017. Ser issir quddiesa fid-9.00am fil-kappella tal-Istitut t'Apap u wara jsiru *refreshments* bl-akkumpanjament tal-Iscouts li ser idoqqu xi siltiet mużikali.

74.5.4 Bieb ta' Triq l-Imsida

Is-Sindku fakkar lill-membri li l-Bieb ta' Triq l-Imsida kien twaqqaf milli jiġġarraf minnu stess meta xi snin ilu (matul 2005 / 2006) kien qed isir l-iżvilupp li kien qed isir f'dik l-akwata. Issa illi sar magħruf ta' min hu dan il-bieb, ser tintbagħat ittra uffiċċjali bl-avukat, lis-sid is-Sur Pawlu Vella tal-Ballut Blocks, sabiex isir dak kollu meħtieġ sabiex nissalvagwardjawh. Il-membri qablu unanimament li jintalab il-parir tal-avukat u jsir skont li jgħidilna l-istess avukat.

## 74.6 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

74.6.1 Ġew preżentati l-minuti tal-Kumitat tal-Finanzi u ġew approvati unanimament.

## 74.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

74.7.1 L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri

kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet.

## 74.8 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 476 sa lment numru 537.

| | |
|---|---|
| 476 | Ħaddiema Assenjati |
| 477 | Ħaddiema Assenjati |
| 478 | Contracts Manager |
| 479 | Rifjutata biex ma jitnaqqsux il-postijiet ta' parkeġġ |
| 480 | Ħaddiema Assenjati |
| 481 | Ħaddiema Assenjati |
| 482 | a) Issir spejjeż tas-sid. b) Applikazzjoni Transport Malta |
| 483 | Ħaddiema Assenjati |
| 484 | B. Grima & Sons |
| 485 | Ħaddiema Assenjati |
| 486 | Logografix |
| 487 | Ħaddiema Assenjati |
| 488 | Tinħareġ in-No objection |
| 489 | Contracts Manager mhux jirrakomanda iżda ċaqlieq jista jsir jekk m'hemmx oġġezzjoni mir-resident |
| 490 | Transport Malta |
| 491 | Transport Malta |
| 492 | Rifjutata |
| 493 | Enforcement |
| 494 | Kuntrattur |
| 495 | Isir attentat biex tinstab il-bejta |
| 496 | B. Grima & Sons |
| 497 | Logografix |
| 498 | Ħaddiema Assenjati |
| 499 | Owen Borg |
| 500 | Ħaddiema Assenjati |
| 501 | Transport Malta |
| 502 | Tintbgħat ittra lir-residenti |
| 503 | Rifjutata |
| 504 | Ħaddiema Assenjati |
| 505 | Ħaddiema Assenjati |
| 506 | Ħaddiema Assenjati |
| 507 | Ħaddiema Assenjati |
| 508 | Ħaddiema Assenjati |
| 509 | Ħaddiema Assenjati |
| 510 | Ħaddiema Assenjati |
| 511 | Ħaddiema Assenjati |
| 512 | Ħaddiema Assenjati |
| 513 | Micamed |

| | |
|---|---|
| 514 | Ħaddiema Assenjati |
| 515 | Issir mir-resident peress li dak huwa xogħol privat |
| 516 | Transport Malta |
| 517 | Contracts Manager – irrakomanda sabiex isiru 3 U-Bars. Il-Kunsill jaqbel li jsiru tnejn. |
| 518 | Ħaddiema Assenjati |
| 519 | Parir mingħand il-Perit |
| 520 | Ħaddiema Assenjati |
| 521 | Transport Malta |
| 522 | Transport Malta |
| 523 | Issir mir-resident peress li dak huwa xogħol privat |
| 524 | Ħaddiema Assenjati |
| 525 | Rifjutata |
| 526 | Ħaddiema Assenjati |
| 527 | Ħaddiema Assenjati |
| 528 | Transport Malta |
| 529 | Ħaddiema Assenjati |
| 530 | Parir mingħand il-Perit |
| 531 | Rifjutata għaliex illegali |
| 532 | Rifjutata |
| 533 | Ħaddiema Assenjati |
| 534 | GO / Melita / Enemalta |
| 535 | Ħaddiema Assenjati |
| 536 | Ħaddiema Assenjati |
| 537 | Ħaddiema Assenjati |

## 74.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-9.00 pm u ġiet aġġornata għat-16 ta' Ottubru, 2017, fis-6.30pm.

Konfermati, illum 16 ta' Ottubru, 2017

IFFIRMATI

Stephen Sultana
Sindku

IFFIRMATA

Jane Yvonne Spiteri
Segretarju Eżekuttiv